MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 159/2001/1

**Avviz numru 159/01 DM**

**Everaldo u Henrietta Attard**

**Vs**

**Brian Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgoba tiffissa din il-Qorti, huwa jirrimedja u jirranga x-xoghol hazin ta' tqeghid ta' irham ma' l-art tad-dar 14, 'Calendula', Triq ir-Rebbiegha, Siggiewi, ta' l-atturi, u dan peress li x-xoghol li ghamel ma sarx skond l-arti u s-sengha, u sabiex ihallas ghall-ispejjez incidentali ghal dan ix-xoghol, partikolarment ghax-xiri ta' irham gdid u ghall-ghorik ta' l-istess ; bl-atturi jkunu awtorizzati biex jaghmlu

x-xoghol huma a spejjes tal-konvenut f'kaz li l-konvenut ma jottemperax ruhu ma' l-ordni tal-Qorti.

Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur ta' din it-talba ma jeccedix is-somma ta' Lm1000.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-26 ta' Ottubru, 2000, tat-22 ta' Novembru, 2000, u ta' l-24 ta' Jannar, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghal kull azzjoni ta' danni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecceppixxa illi:

1. Kuntrarjament ghal dak allegat mill-atturi, ix-xoghol ta' tqeghid ta' l-irham maghmul mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-atturi sar skond l-arti u s-sengha.
2. L-ilmenti ta' l-atturi ma humiex kagun ta' xi xoghol hazin mill-konvenut izda kagun li l-irham mixtri mill-atturi minghand terzi ma kienx ta' kwalita' tajba izda kien ta' kwalita' inferjuri.
3. Il-konvenut mill-ewwel u qabel ma beda x-xoghol ta' tqeghid gibed l-attenzjoni ta' l-atturi ghall-fatt li l-irham li huma pprovdewlu biex iqieghed kien fih l-ixpakk u li l-hxuna tieghu kienet ta' nofs pulzier mentri normalment ikun ta' lanqas tlett kwarti ta' pulzier hxuna. Nonostante dak li qalilhom il-konvenut, l-atturi xorta talbuh sabiex iqieghed dak l-irham. Semmew ukoll li kienu xtrawh bl-irhis u li ghalhekk kienu konxji li l-irham ma kienx ta' kwalita' prima.
4. Dan hu konfermat mill-fatt li wara li l-konvenut spicca t-tqeghid ta' l-irham *de quo* u l-atturi rrifjutaw li jhallsu, l-istess atturi nformaw lill-konvenut li min kien issupplihom bl-irham kien lest li jibdlilhom l-irham hazin minghajr hlas. Sallum l-atturi baqghu jirrifjutaw li jinformaw lill-konvenut dwar min issupplihom bl-irham.
5. Il-konvenut ghad ghandu jiehu minghand l-atturi s-somma ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira (Lm483) rapprezentanti l-prezz tax-xoghol tat-tqeghid ta' l-irham u ghalhekk qed iressaq l-opportuna kontro-talba.
6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Brian Farrugia fejn,

wara ippremetta li :

1. L-atturi rikonvenzjonati huma debituri lejh fis-somma ta’ Lm483.00 rapprezentanti l-prezz tax-xoghol ta’ tqeghid ta’ irham li huwa ezegwixxa fuq inkarigu ta’ l-atturi fil-fond 14, Triq ir-Rebbiegha, Siggiewi.
2. Li l-atturi nterpellati sabiex ihallsu l-imsemmija somma qed jirrifjutaw fuq il-pretest li x-xoghol sar hazin.
3. Li l-pretensjoni ta’ l-atturi fil-konfront tal-konvenut hija nfondata.

Talab li din il-Qorti tikkundanna lill-atturi li jhallsuh is-somma ta’ Lm483.00 rapprezentanti l-prezz ta’ tqeghid ta’ irham fil-fond fuq imsemmi mill-konvenut fuq inkarigu ta’ l-atturi rikonvenzjonati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-kontro-talba sad-data tal-pagament effettiv kontra l-atturi rikonvenzjonati ngunti ghas-subizzjoni

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-atturi rikonvenzjonati ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn eccippew illi :

1. It-talba tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm483 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li x-xoghol li kellu jwettaq fil-fond ta’ l-esponenti baqa’ ma giex komplut, u dak li sar ma sarx skond l-arti u s-sengha u fih hafna difetti.
2. Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Mejju, 2001, fejn innominat lil A.I.C David Pace bhala espert tekniku ;

Rat ir-rapport peritali ta’ l-espert teknku A.I.C David Pace pprezentat fil-21 ta’ Jannar, 2005 ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat illi :-

Ghalkemm il-konvenut qasam in-nota ta’l-eccezzjonijiet tieghu f’sitt paragrafi dawn ma humiex sitt eccezzjonijiet separati izda jikkostitwixxu fil-fatt eccezzjoni wahda fil-meritu flimkien ma diversi argumenti in sostenn taghha, salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Dak li qed jikkontesta l-konvent huwa li-xoghol ta tqeghgid ta rham li ezegwixxa kien sar skond l-arti u s-sengha u d-difetti avveraw ruhhom minhabba l-kawlita’ hazina tal-irham pprovdut u supplit mill-istess atturi.

M’ hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-fatt li l-konvenut kien effettivament gie nkarigat mill-atturi sabiex jaghmel xoghol ta’ tqeghid ta’ l-irham fil-fond taghhom 14, Calendula, Triq ir-Rebbiegha, Siggiewi, liema xoghol kien jirrigwarda biss it-tqeghid filwaqt illi l-atturi kellhom jipprovdu huma l-irham u anke kellhom huma jiehdu hsieb l-ghorik ta’ l-istess irham.

Il-kontendenti jaqblu wkoll illi l-konvenut ghad baqalu jiehu minghand l-atturi s-somma ta’ erba’ mija u tlieta u tmenin lira Maltin (LM483) tax-xoghol tat-tqeghid, liema somma huwa qed jitlob fil-kontro talba u li l-atturi qeghdin jirrifjutaw li jhallsu billi huma jinsistu illi x-xoghol ta’ tqeghid ma’ sarx skond l-arti u s-sena u ghandu jsir mill-gdid.

Ghalhekk billi minn naha wahda l-atturi jsostnu li x-xoghol ta’ tqeghid sar hazin, u minn naha l’ ohra l-konvenut qed isostni illi huwa l-irham mixtri mill-atturi li huwa ta’ kwalita’ hazina, il-kwistjoni bejn il-kontendenti hija wahda purament ta’ natura teknika u ghalhekk il-Qorti nnominat lill-Arkitett u Inginier Civili David Pace bhala espert tekniku li pprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu fil-21 ta’ Jannar, 2005.

F’ din ir-relazzjoni, il-Perit Tekniku, wara li ghamel ezami akkurat tal-pretensjonijiet rispettivi kif ukoll tal-materjal involut u x-xoghol li sar mill-konvenut, u wara li kkonstata li d-difett li avvera ruhu fl-irham kien jikkonsisti fi xpak u

qsim fil-lastri liema difett ma' kienx limitat biss ghal matul il-vini naturali ta' l-irham, ikkonkluda kif gej:

"*In konkluzzjoni ghalhekk l-esponenet jidhirlu illi d-difett illi tfacca fl-irham "Rosa Portogallo" u "Perlato di Sicilia" illi l-atturi nkarigaw lill-konvenut biex iqieghed fil-fond taghhom "Calendula", 14, Triq ir-Rebbiegha, Siggiewi gie kkawzat mill-ghagna u t-tqeghid tat-tajn ta' taht l-irahm illi kien nieqes minn tahlita u ghagna sufficjenti illi gieghel illi dan jinxtorob u joghlob u jinqata' minn mal-lastra kif ukoll illi f' xi bnadi fit-tajn spjegat qabel gieghel illi dawn il-lastri jcedu taht il-pressa tal-magna tal-ghorik u rrizultaw fl-ixpakkar. Billi kien il-konvenut illi kien responsabbli ghat-tahlita u t-tqeghid tat-tajn ta' taht il-lastri, bhala parti minn xogholu tat-tqeghid ta' l-irham, ghalhekk id-difett huwa imputabbli lilu"*.

Ghalhekk jirrizulta illi t-talba attrici hija gustifikata u illi x-xoghol maghmul mill-konvenut ma kienx skond l-arti u s-sengha u, fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tieghu, tiddikjara li l-konvenut ghalhekk ghandu jirrimedja ghad-difetti rizultanti billi jerga' jesegwixxi x-xoghol mill-gdid u billi jaghmel tajjeb ghall-ispejjez incidentali ghal dan ix-xoghol, liema spejjes partikolarment jirreferu ghall-prezz ta x-xiri ta' l-irham gdid u ghall-ghorik ta' l-istess.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez incidentali li ghalihom irid jaghmel tajjeb il-konvenut, sewwa rrileva l-Perit Tekniku illi dawn jinvolvu x-xiri mill-gdid ta' irham biex jitqieghed minnflok dak li nqasam u anke minflok dak li ma nqasamx billi biex itqeghid ikun sar skond is-sengha ikun irid jinbidel l-irham kollhu biex l-art tkun tista' tinghata dehera uniformi. Oltre dan hija terga tqum l-ispiza ta' l-ghorik mill-gdid.

L-istess Perit kompla jirrelata li ghalhekk l-ispejjez incidentali ser jammontaw komplessivament ghal hafna iktar mis-somma ta' elf lira Maltin (LM1000) li fiha t-talba attrici giet limitata u ghamel stima ta iktar minn tlett elef lira (LM3000).

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha mill-ewwel tillikwida t-talba attrici ghall-ispejjez incidentali fis-somma massima ta’ elf lira Maltin (LM1,000) u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi din is-somma ta’ elf lira Maltin (LM1,000) hekk likwidata.

Inoltre, ghal dak li jirrigwarda l-kontro talba, billi jirrizulta illi l-konvenut ma hademx ix-xoghol ta tqeghid skond l-arti u s-sena mhux biss m’ ghandux jigi tenut illi ma kkompletax ix-xoghol izda ghandu jitqies li fil-fatt ghad irid jibda l-ezekuzzjoni ta’ l-appalt u ghalhekk m’ huwiex intitolat illi jitlob xi hlasijiet minghand l-atturi li huwa relatati ma’x-xoghol li ghad irid jghamel. Konsegwentement qeghdha tiddikjara t-talba tieghu ghas-somma ta’ erba’ mija u tlieta u tmenin lira Maltin (LM483) bhala intempestiva u tichad din it-talba tieghu fil-konfront ta’ l-atturi.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba principali ta’ l-atturi sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jirrimedja u jirranga x-xoghol ta’ tqeghid ta’ l-irham fil-fond 14, Triq ir-Rebbiegha, is-Siggiewi, wara li l-Qorti qed tadotta u taghmel taghha l-konkluzzjoni peritali, hija qeghdha tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien hmistax-il jum minn meta jigi ufficjalment notifikat mill-atturi illi dawn ipprovdew l-irham kollu necessarju sabiex ikun jista’ jibda jitqieghed tieghu fil-fond taghhom, huwa ghandhu jghaddi sabiex jaghmel dak ix-xoghol kollu necessarju sabiex inehhi dak kollhu li huwa pogga fil-fond ta’ l-atturi, ossia l-irham u l-materjal relattiv, u jqieghed mill-gdid l-irham li l-atturi se jipprovdulu, u jesegwixxi dan ix-xoghol fi zmien xahrejn mid-data ta’ l-imsemmija notifika.

Inoltre l-konvenut ghandhu jesegwixxi dan ix-xoghol kollhu taht is-sorveljanza u direzzjoni tal-Perit Tekniku l-AIC David Pace li qed jigi presenzjalment innominat ghal dan il-fini. B’ riserva favur il-konvenut illi mat-terminazzjoni tax-xogholijiet kollha hawn ordnati, ezegwiti u kkompletati skond l-arti u s-sengha u ccertifikati bhala tali mill-espert tekniku nnominat, huwa jithallas minghand l-atturi is-somma ta’ erba’ mija u tlieta u tmenin lira Maltin (LM483).

Illi f' kaz illi l-konvenut ma jghaddix ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet fiz-zmien stipulat, jew li ma jikkompletax ix-xoghol fl-istess zmien lilu mpost, il-Qorti tordna li l-atturi ikunu awtorizzati illi jghaddu huma stess ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet ta' tqeghid jew ghall-kontinwazzjoni taghhom taht is-sorveljanza u l-osservazzjoni tal-Perit Tekniku, l-AIC David Pace u dawn ix-xogholijiet ikun kollha a spejjez esklussivi ta' l-istess konvenut f'dik is-somma li l-istess espert tekniku nominat ikun iccertfika bhala gustifikata .

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------